MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 1100/2009/1

**Martin Farrugia**

**v.**

**Joseph Gambin**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu rikors maghmul mill-konvenut li permezz tieghu huwa qed jitlob it-thassir tas-sentenza [is-sentenza attakkata] moghtija minn din il-Qorti fit-18 ta’ Lulju 2014 fl-ismijiet premessi, u sabiex konsegwentement jerga’ jinstema’ l-appell. Fl-istess rikors il-konvenut jghid li hu qed jibbaza t-talba tieghu fuq is-sub-inciz [a] tal-Artikolu 811 tal-Kap.12.

2. Dan is-subinciz jikkontempla t-thassir ta’ sentenza *“(a) jekk is-sentenza tkun ittieħdet b’qerq ta’ waħda mill-partijiet għad-dannu tal-oħra”*.

3. Fir-rikors tieghu l-konvenut jispjega hekk ir-raguni ghat-talba tieghu:

> “…… is-sentenza ttiehdet bil-qerq min-naha tal-attur ai termini ta’ dak stipulat fl-artikolu [fuq citat] u dan minhabba l-fatt illi mill-bidu nett ix-xiri tal-mahzen mill-attur ukoll kien sa certu punt kolpit minn irregolarita` u dana ghaliex kellu jigi mibjugh bis-subbasta u flok sar hekk l-istess inxtara bi prezz ridikolu baxx mill-intimat [l-attur], u dan bil-benevolenza tal-esponenti [il-konvenut] biex huwa jkun jista’ jibqa’ fih *vita natural durante*…”.

4. Huwa jkompli jippremetti li fis-sentenza attakkata din il-Qorti ma dahlitx fil-mod kif ir-rikorrenti kien gie mqarraq totalment bl-agir tal-konvenut, *"u dan meta dan il-punt kien il-pern ta' kollox"*.

5. In tema legali jigi osservat li huwa assodat fil-gurisprudenza patria li –

> "Is-smigh mill-gdid jista' jigi akkordat jekk is-sentenza tkun ittiehdet b'qerq. Il-qerq jew il-frodi allura ma jridux ikunu rrizultaw jew ma jkunux iridu jkunu relatati mal-meritu li pprovoka l-vertenza u li gie trattat quddiem il-qrati u minnhom deciz, imma jridu jkunu rrizultaw jew ikunu relatati mal-proceduri decizi bis-sentenza appellata u bihom inficcjata. Is-subinciz jipprovdi ghal smigh mill-gdid fil-kaz fejn is-sentenza tkun ittiehdet b'qerq u mhux fejn il-pretensjoni tal-attur fit-talba tkun ghal kreditu li origina minn agir allegatament delittwuz jew qarrieqi tal-konvenut. Il-qerq allura jrid ikun qerq gudizzjarju, jigifieri inerenti mal-proceduri"[1] *[App. Carmel Borg v. Henry Thake, deciza fl-14 ta' Novembru 1997]*.

> "… biex il-qerq procedurali jsejjes talba ghas-smigh mill-gdid ta' kawza, jehtieg li dak il-qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew atti frawdolenti li minhabba fihom, il-parti l-ohra titqieghed fl-impossibilita' li tiddefendi ruhha fil-kawza kif imiss u minghajhom il-kawza ma kienitx tinqata' kontra l-parti mgarrba…… Fuq kollox biex tghodd id-dispozizzjoni tal-artikolu 811[a] tal-Kodici jehtieg li l-qerq procedurali mwettaq ikun determinanti biex il-parti l-ohra titlef il-kawza". *[App.S Scicluna Enterprises v Michael Cini, deciza 9 April 2014 ara wkoll kazistika hemm citata]*.

6. Fil-meritu l-Qorti tosserva li mill-kawzali stess li fuqu l-konvenut qed isejjes it-talba tieghu jirrizulta manifest li l-ilment tieghu m'huwiex dwar qerq procedurali prattikat mill-attur li wassal sabiex iqieghed lir-rikorrent fl-

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti

impossibilita` li jiddefendi ruhu fil-kawza kif imiss u li kien determinanti sabiex ir-rikorrent, allura konvenut, jitlef il-kawza, imma l-qerq allegat mir-rikorrent jirreferi ghall-meritu tal-vertenza ta' bejn il-partijiet li giet deciza fis-sentenza attakkata. Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent hija legalment insostenibbli.

Ghar-ragunijiet premessi tichad it-talba tal-konvenut rikorrent, bl-ispejjez kollha a kariku tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------